MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2013

Numru. 224/2009

**Il-Pulizija**
**(Spett. Dennis Theuma)**

**vs.**

**Roderick Castillo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Roderick Castillo ta’ 28 sena iben Richard u Rosaria nee Buttigieg imwieled San Giljan fl-4 ta’ Frar 1980, residenti “St. Lawrence Apartments”, Salvu Buhagiar Street, Marsascala, detentur tal-karta tal-Identita 123180(M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn id-9 u l-10 ta’ Mejju 2008, u matul it-tnax-il xahar ta’ qabel din id-data:

a) ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (LN22 tal-1985) kif emendat,

b) kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tar-Regolament 3 subinciz 1 tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat talli huwa recidiv b'sentenza datata 15 ta' Novembru 2006 fejn gie immultat LM1000 mill-Magistrat Dr. A. Vella LL.D.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Wara li rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-prosekuzzjoni, u li d-difiza m'ghamlitx nota risponsiva minkejja li giet moghtija l-fakolta' li taghmel dan.

Wara li rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-22 ta' Marzu 2013.

Wara li rat li fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2013 din il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, u in vista tan-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-prosekuzzjoni u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Charles Steven Muscat**

deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, irrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tas-6 ta' Gunju 2012, u stiednet lid-difiza tipprezenta provi u taghmel sottomissjonijiet fid-dawl tas-sentenza kostituzzjonali imsemmija.

Wara li rat li fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2013, id-difiza ddikjarat li m'ghandhiex provi xi tressaq dwar l-istqarrija fid-dawl tas-sentenza kostituzzjonali imsemmija.

Wara li semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Wara li rat li minkejja li din il-Qorti kienet tat lid-difiza zmien sat-13 ta' Novembru, 2013 sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet finali, bil-visto jew notifika tal-Ufficjal Prosekutur, id-difiza naqset li taghmel dan.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Mix-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma jirrizulta li waqt party bejn id-9 u l-10 ta' Mejju 2008, giet arrestata certa Victoria Buhagiar, li fil-pussess taghha nstabu tlett pilloli ecstasy. Waqt l-interregatorju taghha, hija qalet li dawk il-pilloli kien tahomlha l-imputat. Il-Pulizija arrestat lill-imputat, u wara li inghata id-debita twissija mill-ispettur, irrilaxxa stqarrija fejn huwa ammetta li t-tliet pilloli ecstasy li instabu fuq il-*girlfriend* tieghu Victoria Buhagiar kien tahomlha hu biex iddahhalhom hi fil-party, u li Victoria Buhagiar ma tabbuzax mid-droga. Fl-istqarrija tieghu, huwa ammetta wkoll li kien abbuza mill-pillola ecstasy f'okkazzjoni ohra sena qabel.

Il-prosekuzzjoni qed isserrah il-kaz taghha fuq l-istqarrija tal-imputat, u fil-fatt fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2011 gie verbalizzat *"Il-partijiet jaqblu li l-unika prova kontra l-imputat hija l-istqarrija li huwa rrilaxxa lill-ufficjal investigatur."*

Id-difiza ma ressqitx provi, pero' fit-trattazzjoni orali finali, hija ssottomettiet li l-istqarrija ghandha tigi skartata,

ghaliex ittiehdet fi zmien meta l-ligi Maltija ma kienitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju, u ghaldaqstant, skont id-difiza, din ittiehdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-imputat.

F'sentenza ricenti moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali in materia, u cioe dik fl-ismijiet **Charles Steven Muscat v. Avukat Generali** deciza fit-8 t'Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma' l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi *"Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur."*

Fil-kaz ta' **Muscat** fuq citat, il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq, ghaliex *inter alia*:

1. meta sar l-interrogatorju, ir-rikorrent kien ragel matur li gia kien qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Ghalhekk kellu esperjenza ta' interrogatorju mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ta' vulnerabilita' hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn issir l-interrogatorju.
2. ir-rikorrent kien gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn.
3. sakemm infethet il-kawza ir-rikorrent qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li fiha.

Ma jistax ikun hemm dubbju li l-access ghal avukat qabel l-interrogatorju bhala parti mid-dritt ta' smiegh xieraq gie introdott kemm mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-

Bniedem (ara il-kaz ta' **Salduz**[1]) u mill-Qorti Kostituzzjonali (ara **Il-Pulizija v. Alvin Privitera**[2]), biex jirrimedja ghal sitwazzjonijiet ta' zbilanc u nuqqas ta' ugwaljanza bejn l-interrogatur u min qed jigi interrogat. Jista' facilment ikun hemm sitwazzjonijiet ta' intimidazzjoni, paniku u konfuzjoni f'mohh il-persuna arrestata tant li f'dawk ic-cirkostanzi l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata. Ghalhekk huwa gust li ammissjoni jew stqarrija maghmula minn persuna vulnerabbli f'cirkostanzi intimidanti ghandha tigi skartata. Minn naha l-ohra jekk il-persuna arrestata ma hix persuna vulnerabbli u c-cirkostanzi ma jistghux jitqiesu intimidanti, ma hemmx raguni valida ghaliex l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata.[3]

Dan l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali gie wkoll abbraccat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs. Jesmond Camilleri** deciza fit-18 t'April 2013.

Fil-kaz odjern, meta ittiehdet l-istqarrija, l-imputat kellu 28 sena, u kellu diga erba' (4) kundanni minn dawn il-Qrati - wahda minnhom kienet ghal serq u l-ohra ghal pusssess semplici tad-droga eroina. Ghalhekk, l-imputat kien diga xellef difrejh mal-pulizija. Ghalhekk, certament ma jistghax jinghad li l-imputat ma kienx midhla tal-pulizija u mal-mod ta' kif isiru l-interrogazzjonijiet. L-imputat ma kienx minorenni u lanqas allega li kien ibati minn xi forma ohra ta' vulnerabilita', hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju.

In oltre qabel l-interrogatorju, l-imputat gie mgharraf bid-dritt tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn. Fil-fatt, l-imputat fehem sew din it-twissija ta' l-ispettur, tant li ezercita dan id-dritt tieghu billi ghazel li ma jwiegibx ghal domanda wahda, u cioe' meta gie mistoqsi minghand min xtara d-droga.

---

[1] Deciz fis-27 ta' Novembru 2008.
[2] Deciz fil-11 ta' April 2011.
[3] Ara ittra ta' Dottor Giovanni Bonello ex-Imhallef fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ippubblikata fit-*Times of Malta* fit-28 ta' Novembru 2012.

Huwa rilevanti wkoll li ghalkemm l-istqarrija ttiehdet fl-10 ta’ Mejju 2008, kien biss fis-seduta tas-27 ta’ Gunju 2011, li l-imputat issolleva l-kwistjoni li l-istqarrija tieghu ittiehdet minghajr ma kellu assistenza legali. Matul dawn it-tlett (3) snin, l-imputat qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija jew li jichad dak li fiha. Dan huwa sinjal li l-imputat stess ma kienx qieghed ihoss illi tqieghed taht zvantagg ingust bl-istqarrija li, wara kollox, ghamilha liberament.

Ghaldaqstant, fil-fehma konsidrata ta’ din il-Qorti ma hemmx raguni valida ghaliex ghandha tiskarta l-istqarrija.

Fis-sottomissjonijiet finali taghha d-difiza ssottomettiet li skont is-sentenza kostituzzjonali ta’ **Charles Steven Muscat**, il-Qorti ma tistax issib htija meta l-unika prova kontra l-imputat tkun l-istqarrija tieghu – kif inhu l-kaz odjern – imma l-istqarrija trid taraha fl-isfond tal-provi l-ohra li tressaq il-prosekuzzjoni. Din il-Qorti ma taqbilx ma’ din is-sottomissjoni. Huwa vera li fil-kaz ta’ **Charles Steven Muscat**, l-akkuzat kien se jghaddi guri u allura huwa ovvju li l-prosekuzzjoni kienet ser iggib provi ohra kontrih, oltre l-istqarrija, u konsegwentement f’dak il-kaz, kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali *“… … l-imhallef togat sejjer iwissi lill-gurati bil-perikolu illi joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar htija, bla ma jqisu wkoll il-provi l-ohra.”*

Pero fl-opinjoni konsidrata ta’ din il-Qorti, dan il-kliem tal-Qorti Kostituzzjonali ma jfissirx li meta l-Prosekuzzjoni ma jkollhiex provi ohra kontra l-imputat – ghajr l-istqarrija – allura necessarjament ghandha tillibera lill-imputat. Fl-opinjoni tal-Qorti, kollox jiddependi mic-cirkostanzi ta’ kull kaz, u meta kif diga inghad il-persuna arrestata ma hix persuna vulnerabbli u c-cirkostanzi ma jistghux jitqiesu intimidanti – kif gie ippruvat fil-kaz odjern - ma hemmx raguni valida ghaliex l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata.

Fil-fatt fis-sentenza **John Attard vs. Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-31 ta’ Mejju 2013, il-Qorti Kostituzzjoni regghet irriteniet illi: *“Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament*

*u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Ghar-ragunijiet moghtija iktar il'fuq, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, fil-kaz odjern l-imputat ma kienx persuna vulnerabbli, u c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija ma kienux intimidanti, u ghalhekk ma hemmx biza' li l-imputat seta' stqarr htijiet u fatti li ma ghandhomx mis-sewwa. Ghaldaqstant, il-Qorti sejra tieghu konjizzjoni ta' dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu, anki jekk din hija l-unika prova kontra tieghu.

In vista tal-ammissjoni volontarja tal-imputat fl-istqarrija tieghu, il-Qorti issibu hati ta' kemm tat-traffikar tad-droga ecstasy kif ukoll ta' pussess semplici tad-droga ecstasy.

Rigward l-addebitu tar-recidiva, din tirrizulta mis-sentenza ezebita mill-prosekuzzjoni.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputat ikkopera mal-pulizija, u li l-fedina penali tieghu mhix wahda felici.

Ghall-fini tal-piena, it-tieni (2) imputazzjoni dik ta' pussess semplici ta' droga ecstasy ma tistax titqies assorbita fl-ewwel (1) imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, stante li fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li kien abbuza mid-droga ecstasy f'okkazzjoni ohra.

Ikkunsidrat ukoll li l-ammont ta' droga traffikat ma kienx wiehed kbir (3 pilloli ecstasy). Pero' l-imputat huwa recidiv u ghalhekk il-piena tieghu ghandha tizdied bi grad.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(1B), 120A(2)(b)(i) u (ii) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31, u r-regolamenti 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, tikkundannah ghal disa' (9) xhur prigunerija effettiva, kif ukoll tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarcja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero' jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------